# L-ISBAH STORJA

Wara jum xoghol iebes fir-raba u qalb l-annimali, l-irgiel tar-rahal kienu jsibu ftit tal-mistrieh fil-hanut ta' Tommaso. Jekk wiehed kien jidhol fil-hanut wara li jkun raxxax id-dlam, wiehed seta' jilmah quddiem xi kikkra kafe' jew tazza xorb, iz-zaghzagh u x-xjuh tar-rahal jirrakontaw quddiem kulhadd dak li jkun ghadda minn ghalihom matul dak il-jum. Imma l-hin l-aktar solenni kien ikun meta Giuseppe kien jidhol u jintasab fil-post merfugh ghalih biss u li hadd ma kien johodlhu. U jekk xi darba kien ikun ma jiflahx postu kien jibqa' vojt. Ix-xih kien rispettat fil-hanut u Tommaso kien iservih mill-ewwel anke jekk nies ohra kienu qablu. Hadd ma kien jghid xejn .



Giuseppe kien jixrob bela bela dak li kien iqieghdlu Tommaso u bit-tazza kien ihabbat mal-mejda biex bhallikieku jieqfu mid-diskors ghax kien ser jitkellem hu. U hekk kien isir. Imbaghad fil-hemda li taqa' kien jirrakonta xi storja mir-repertorju vast tieghu. Hadd ma kien jitniffes ghar-rakkonti tieghu li kienu jzommu lis-semmiegha fuq ix-

xwiek. Il-hanut ta' Tommaso qatt ma kien nieqes minn nies. Fis-sajf kienu joqghodu barra taht xi tinda tal-qasab u haxix niexef ghaz-ziffa helwa tas-sajf, izda meta kienet toqrob ix-xitwa u l-ksieh u x-xita kienu jwebbsu rashom, kulhadd kien jirdossa gewwa ghas-shana tan-nar. Matul il-gimgha kont tara biss irgiel izda fil-Hdud u l-festi n-nisa kienu jakkumpanjaw lil zwieghom. Dak in-nhar Tommaso kien iservi wkoll ikel bnin u martu Rosalia flimkien ma' bintu Ersilia kienu jaghtuh daqqa t'id ghax ix-xoghol kien jizdied sew.

"Min ser jghid tieghu, il-lum?" staqsa Giuseppe.

Dawk prezenti fil-hanut kienu jitfghu harsithom banda ohra biex jevitaw il-harsa ta' ghajnejh. Kienu jafu li ma' mohhu u l-imaginazzjoni tieghu ma jlahhqux. Xi kultant xi hadd kien jilqa' l-isfida tieghu u jirrakonta l-avventuri li kien jiltaqa' maghhom meta kien ibahhar jew xi mara tirrakonta stejjer ta' djar msahhra. Imma dawn ir-rakkont ma kienux jimpressjonaw daqs dawk tieghu. Meta hadd ma kien jazzarda jersaq ‘l quddiem Tommaso kien jibda’ l-grajjiet tieghu, mirquma b'imaginazzjoni perfetta.

Imma l-isbah storja kien jerfaghha ghal zmien il-Milied. Kienet l-istorja li biha kien jaghlaq iz-zmien tas-sena.

Tommaso zejjen il-hanut tieghu bis-sigra tal-Milied mdawwla bi dwal irqaq jixghelu u jitfghu filwaqt li mal-hitan kien idendel festuni ta' haxix naturali ikkulurit biz-zigarelli homor.

Fil-Hadd ta' qabel il-Milied, Giuseppe sab l-istess post tas-soltu . Il-hanut kien mimli bin-nies daqs bajda u l-kompetizzjoni ghal isbah rakkont kienet miftuha ghal kulhadd. Qam bil-wieqfa u halla s-siggu tieghu vojt biex jokkupah dak li kien ser jghid l-istorja . Meta ra li stenna bizzejjed u hadd ma gie ‘l quddiem, ghajjat bi tbissima fuq fommu: " Ejjew, isaw. Ma tafux li ma tisghtux tinhbew mix-xwejjah Giuseppe. Jekk hadd ma jigi hawn f'posti jirrakonta storja ser nghid lil Tommaso biex ma jqassamx l-imbid shun." In-nies tal-hanut saffrulu tnejn u wahda tfajla b'wicc sabih u xaghar twil isfar niezel sa wara nofs daharha qaltlu, "Zgur li ma tasalax sa hawn. Inti thobbu daqs li nhobbuh ahna, Giuseppe."

Minkejja li nsista hafna biex xi hadd jirrakonta l-istorja tieghu, baqa' bla twegiba. Ghalhekk qaghad bilqiegheda mill-gdid f'postu u beda'.

“Tifla ckejkna kienet kuljum toqghod fil-kantuniera bit-tilar mimli kaxxi tas-sulfarini biex bil-bejgh taghhom taqla' l-ghexien ghaliha u ghal missierha.!

“Kien lejlet l-Ewwel tas-Sena u t-toroq kienu mimlija silg. Il-kesha li kienet niezla ma kienet thalli lil ebda hlieqa titlajja barra, imma l-imsejkna tifla  kienet hemm bhas-soltu tipprova tbiegh xi haga. Fejn kienet, setghet tisma' id-dahq u l-kant tan-nies li kienu qed jingemghu f'dik id-dar biex jghaddu l-lejl flimkien f'atmosfera ta' brijju u jsellmu s-sena li daqt kienet ser tintemm u jsellmu lil dik li kienet ser tasal. L-ilbies mqatta u x-xall imdawwar madwar wiccha xejn ma swew xejn biex tilqa' il-kesha. Dak in-nhar ma bieghet ebda kaxxa sulfarini u bezghet tmur lura lejn id-dar ghax missierha kien zgur jirrabja. Madankollu fil-kantina fejn kienet tghix ma kienx post kenni u ahjar minn fejn kienet qieghdha bhal issa. Xtaqet tixghel sulfarina wahda u fil-fjamma baxxa taghha ssahhan ftit idejha ! Imma kieku jkun jaf missierha! Jghidilha li dik hala. Minghajr ma hasbitha darba ohra xeghelt wahda u filwaqt li ghalqet idejha nofs ponn poggietha fuq il-fjamma zghira tas-sulfarina. Hekk kif ghamlet hekk it-tfajla rat nar hdejha li beda' jarmi shana kbira tant li gheleb il-kesha ta' madwarha. Izda hekk kif in-nar tas-sulfarina gheb, id-dehra magika tan-nar gheb ukoll.”

“Dexha bard gera' mal-gisem dghajjef taghha. Damet tirresiti l-idea li tixghel ohra u fl-ahhar xeghlet sulfarina ohra mal-hajt. Hekk kif ghamlet hekk il-hajt tbiddel fi hgiega tal-kristall li minnu setghet tara mejda mdawwla bix-xemghat jixghelu u mimlija ikel fin u bnin. Messet il-hajt tal-kristall u dehrilha li idha ghaddiet minn gol-hajt u kienet ghoddha waslet biex taqbad platt bl-ikel meta l-fjamma intfiet u l-magija ghebet ghal darb'ohra. Povra tifla: fi ftit sekondi hija setghet tilmah dak kollu li l-hajja pprivata minnu. Minn ghajnejha nizlu zewgt demghat.”

Hija xeghlet it-tielet sulfarina ohra u quddiemha lemhet sigra kbira tal-Milied imzejna mill-isbha bil-blalen kuluriti u mijjiet ta' xema

jixghelu. "Kemm hi sabiha!" esklamat it-tifla filwaqt li f'idejha zammet is-sulfarina mixghula. Il-fjamma baqghet tahraq ftit ftit is-sulfarina sa ma din waslet hdejn subajghha. Meta hasset il-harqa tan-nar, telqet is-sulfarina fl-art u din intfiet. Is-sigra tal-Milied bdiet tiela ‘l fuq, ‘l fuq lejn is-smewwiet, meta imbaghad wahda mix-xemghat waqghet ghal isfel u halliet traccja ta' duhhan irqieq warajha hekk kif il-ftila taghha intfiet. "Xi hadd qed imut," qalet it-tifla bejn u bejn ruhha hekk kif ftakret f'dak il-kliem li kienet qaltilha jum wiehed nannitha. " Meta taqa' kewba, qalb tieqaf thabbat."

“Minghajr ma ghaddielha minn mohha li setghet kienet qed tahli s-sulfarini, xeghlet ohra u din id-darba tara lil nannitha.”

"Nanna oqghod mieghi," talbitha t-tifla hekk kif bdiet tixghel sulfarina wara l-ohra sabiex nannitha ma tghibx bhal ma ghebu l-vizzjonijiet l-ohra. Nannitha ma ghebitx minn quddiemha, imma tatha tbissimha. Fethet idejha u haddnitha maghha. "Nanna hudni mieghek"

“L-ewwel tas-Sena sebah bhal ta' qablu, b'sema imcajpar u kesha xxoqq l-ghadam. Kull min kien jghaddi mit-trieq fir-rokna tal-kantuniera taht it-tilar bil-kaxxi tas-sulfarini kien jilmah gisem bla hajja ta' tifla, imdawwar b'sulfarini uzati. "Povra tifla," kienu jghidu wiehed lil iehor, " ippruvat izzomm lilha nfisha shuna."

“Imma dak il-hin il-bejjiegha ckejkna tas-sulfarini kienet tinsab f'post fejn la hemm kesha, la guh u anqas ugiegh.”

Meta Giuseppe spicca mir-rakkont tieghu, fil-hanut waqghet hemda kbira u wiehed seta' jisma' it-tektik tax-xita thabbat fuq il-hgieg...................... U jekk kont thares lejn l-ucuh tan-nisa kont tara xi demghat igelbnu ma' haddejhom..................